**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 134/2019 RM**

**Carmel Fenech eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' "Apple's Eye"**

**-Vs-**

**Martin Conrad Briffa eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' IDP Malta**

**Illum, 22 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Carmel Fenech eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem « Apple's Eye » fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Lulju 2019 fejn ippremetta illi prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li din l-Onorabbli Qorti tħoss neċessarju jew opportun li taghmel, hu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u sittin euro u tmintax -il centezmu (€6,963.18), liema somma hija, kemm ghar-ragunijiet indikati hawn isfel u kif ukoll ghal dawk maghrufa fil-Ligim dovuta minnhu- dan wara illi t-tined illi kien provda u installa fin-negozju tal-mittenti, ma kinux ta' kwalita`, ma kinux tajbin ghall-iskop li nxtraw, u kellhom ghadd ta' difetti, tant illi ssaddu, u sfaw f'sitwazzjoni estetika mweghra ferm, u l-istat taghhom kien

f'tali gravita` illi dawn it-tined saru ta' periklu kbir kemm ghall-impjegati, kif ukoll ghan-nies li jzuru n-negozju – dan kif kostatat mill-Inginier Johan Psaila.

Il-mittenti ikkomunika mieghu diversi drabi - ghal xhur twal – biex iressqu biex isolvi dil-problema. Billi izda huwa baqa inadempjenti, il-mittenti ma kellux ghazla ghajr li jqabbad terzi biex isolvulu l-problema huma. Dan, kemm biex jimminimizza d-danni, u kemm biex jipprotegi kontra l-perikolu li kienu qeghdin joffru dawn it-tined provduti u installati minnu. Biex isir ix-xoghol il-mittenti nefaq is-somma ta' €6,963.18, liema somma hija, kemm ghar-ragunijiet indikati hawn fuq u kif ukoll ghal dawk maghrufa fil-Ligi, dovuta minnu.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontrih li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Martin Conrad Briffa li ġietipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Ottubru 2019 fejn ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

1. "Illi fl-ewwel lok l-esponenti jitolbu illi r-rikorrenti jindika taht liema disposizzjoni tal-ligi qieghed jibbaza it-talbiet tieghu;

2. Illi inoltre l-mittenti jirrileva illi fil-mertu illi t-talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti fil-konfront tieghu hija infondanta fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan peress illi mhuwiex minnu illi t-tined illi l-esponenti pprovda u installa fin-negozju tar-rikorrenti ma kienux ta' kwalita', ma kienux tajbin ghall-iskop li nxtraw u kellhom ghadd ta' difetti u illi konsegwentement l-istess tined spiccaw ta' periklu;

3. Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi l-materjal u x-xoghol maghmul fuq is-sit in kwisjtoni kien skont il-ftehim miftiehem bejn u mhemm l-ebda difetti u jew illi l-kwalita' taghhom mhux skont dik miftiehma;

4. Illi di piu’ l-esponenti jirrileva wkoll illi x-xoghlijiet minnu maghmula saru skont is-sengha u l-arti u l-materjal minnu provdut kien skont dawk miftiehem bejn il-partijiet;

5. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta’ danni mill-esponenti;

6. Illi apparti minn hekk l-allegati danni hekk kif mitluba mir-rikorrenti jridu jigu ppruvati minnu sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-esponenti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat id-digriet tagħha mogħti in camera fil-21 ta’ Frar 2020 li permezz tagħha in vista tan-nuqqas ta’ oppożizzjoni da parti tal-konvenut, laqgħet it-talba tal-attur u awtorizzat il-korrezzjoni tar-Rikors promotur billi jitneħħew u jitħassru l-kliem « *ħamest elef tmien mija u tnejn u ħamin Euro u tmenin ċenteżmu* » kif ukoll in-numri « *€5,852.80* » sabiex dawn jiġu sostitwiti bil-kliem « *sitt elef, disa’ mija u tlieta u sittin Euro u tmintax-il ċenteżmu* » u bin-numri « *€6,983.18* » ;

Semgħet ix-xhieda u rat ukoll ix-xhieda li ngħatat permezz ta’ Affidavits;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta’ April 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

F'din l-azzjoni l-attur qed jitlob il-ħlas tan-nefqa li huwa għamel biex isiru xogħolijiet ta' tiswija tad-difett konsistenti f'sadid fit-tined li ġew suppliti u istallati mill-konvenut fl-istabbiliment "Apple's Eye". L-attur jallega li t-tined suppliti mill-konvenut ma kienux ta' kwalita, ma kienux tajbin għall-iskop li nxtraw u kien fihom għadd ta' difetti. Huwa fisser li tant ħareġ sadid f'dawn it-tined li dan laqat negattivament sija l-estetika kif ukoll l-istabbilita' strutturali tat-tined u ma kellux għażla ħlief li jqabbad terzi persuni biex isolvu l-problema.

L-attur xehed[1] illi peress li l-istabbiliment fejn ġew istallati t-tined huwa viċin ħafna tal-baħar li jinsab biss żewġ minuti 'l bogħod, u qabel ordna t-tined mingħand id-ditta IDP Malta, huwa vverifika ma' ċertu wieħed Roderick li kien jirrappreżenta lil din id-ditta, li dawn kienu *galvanised* biex il-ħadid ma jissaddadx. Skont l-attur, waqt in-negozjati Roderick kien aċċertah li t-tined kienu *galvanised* iżda wara biss xahar, beda ħiereġ is-sadid liema sadid infirex mal-ħadid kollu tat-tined anke fil-mutur tal-canopy u b'hekk irrejalizza li t-tined ma kienux *galvanised*. Hu rrifjuta s-suġġeriment ta' IDP Malta biex is-sadid jitqaxxar u jerġgħu jinżebgħu it-tined u insista li l-ħadid jinbidel kollu għal wieħed *galvanised* skont kif kien miftiehem mill-bidu. Huwa għalhekk qabbad lil ċertu Anton Odijk, persuna li kien jaħdem mal-konvenut fiż-żmien meta kien xtara t-tined, biex jibdel il-pilastri tat-tined għal pilastri *galvanised*. Dan ix-xogħol sewa b'kollox €6,963.18 u huwa ħallas din is-somma lil Anton Odijk.

Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami[2], l-attur ikkonferma illi fiż-żmien meta beda ħiereġ is-sadid kif ukoll meta ilmenta ma' Roderick dwar dan is-sadid fl-istruttura, il-prodott kien għadu kopert bil-garanzija[3]. Ikkonferma wkoll li l-konvenut ġab is-supplier minn barra biex jaraw l-istruttura u jaqbel ukoll li s-supplier kien lest li jagħmel xogħol rimedjali fuq l-istruttura iżda minkejja dan huwa rranġa personalment ma' wieħed mill-ħaddiema li qabel kien jaħdem ma' IDP Malta, li diġa' kellu fil-pussess tiegħu l-

[1] Affidavit ta' Carmel Fenech – Dok. CF1, fol. 12, 13.
[2] Xhieda tal-11 ta' Ottubru 2021.
[3] Fol. 74/75.

qisien tal-pilastri, biex huwa jibdel il-pilastri kollha tal-istruttura wieħed wieħed b'pilastri ġodda galvanizzati u żebagħhom. L-attur xehed ukoll li huwa ma kienx għarraf lill-konvenut li kien bi ħsiebu jqabbad lil terzi biex jiggalvanizzaw ix-xogħol, "*għax ma kienx hemm għalfejn*"[4].

**Stephanie Cassar**, bint l-attur, ikkonfermat din il-verzjoni fl-Affidavit tagħha[5], fejn affermat li l-arranġamenti dwar il-bejgħ u istallazzjoni tat-tined il-ġodda, saru ma' ċertu Roderick u li l-ftehim kien li l-prodott kellu jkun tajjeb biex jilqa' għall-elementi, fosthom riħ u baħar. Waqt l-istallazzjoni kien hemm preżenti l-imsemmi Roderick u Anton Odijk. Xehdet ukoll li s-sadid beda ħiereġ wara biss ftit ġimgħat u meta huma għamlu kuntatt ma' Roderick, kien spjegalhom li kellhom iħallu ftit xhur jgħaddu biex is-sadid joħroġ kollu qabel tiġi applikata żebgħa fuq il-ħadid. Eventwalment, Roderick infurmahom li ma kellux iktar x'jaqsam ma' IDP Malta u għalhekk bdew jagħmlu kuntatt ma' Martin Conrad Briffa li min-naħa tiegħu, qalilhom biex jagħmlu kuntatt mas-supplier tal-prodott, ċertu Mr. Zulkuf. Iżda minkejja ħafna wegħdiet li l-ħadid kien ser jinbidel u jitranġa, baqa' qatt ma sar xejn minn dan u għalhekk f'Marzu 2019 meta raw li l-ħadid kien qed ikun ta' perikolu għall-klienti tal-istabbiliment, għamlu kuntatt ma' Anton Odjik li kien preżenti waqt l-istallazzjoni tal-ħadid u huwa wettaq ix-xogħol meħtieġ u bidel il-ħadid kollu b'materjal ġdid u *galvanised*.

**Melanie Cassar**, bint l-attur, xehdet[6] li hija kienet għamlitha ċar ma' Roderick, ir-rappreżentant ta' IDP Malta, li dak li kienet qed tfittex kien prodott ta' kwalita' li jiflaħ għar-riħ, melħ u xemx "*u għalhekk ovjament prodott galvanizzat*". Qalet ukoll li s-sadid jista' jkun ta' problema jekk il-prodott ma jkunx addattat għall-post fejn kellu jiġi istallat. Xehdet illi huma qablu mal-prezz li ppreżentalhom Roderick u qablu li jixtru l-prodott. Is-sadid beda ħiereġ wara ftit ġimgħat u nfirex mal-ħadid kollu. Minnufih hija kkuntattjat lil Roderick li qalilhom li kien normali li s-sadid joħroġ u seta' jagħti t-trattament meħtieġ lill-ħadid biss wara li jgħaddu ftit xhur oħra.

---

[4] Fol. 76.
[5] Dok. SC1, fol. 15 u 16.
[6] Affidavit ta' Melanie Cassar, Dok. MC1, fol. 21, 22.

Dan ma kienx aċċettabbli għaliha u wara li eventwalment Roderick kien irriferihom lill-konvenut, l-istess konvenut ġie fuq il-post u ra s-sadid b'għajnejh u ġie wkoll is-supplier ċertu Zulkuf mit-Turkija biex jara s-sadid, fejn dan tal-aħħar issuġġerixxa li s-sadid seta' jitneħħa billi jinbarax is-saff estern tal-ħadid u jinżebagħ. Melanie Cassar xehdet li din is-soluzzjoni ma kienetx aċċettabbli għalihom għaliex kienu ċerti li s-sadid kien daħal ġewwa l-ħadid u riedu soluzzjoni tajba. F'kull każ, il-ħadid kien sar perikoluż bl-ammont ta' sadid li kellu u għalhekk iddeċidew li jqabbdu lid-ditta Eagle Renovations biex tagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

**Anton Odjik** xehed permezz ta' Affidavit[7]: iddikjara illi huwa ilu jaħdem fil-qasam tal-azzar għal wieħed u tletin sena u huwa kwalifikat fil-manifatturar ta' strutturi tal-azzar, surveying u welding. Huwa kien jaħdem ma' International Design Products Malta ma' ċertu Roderick u Martin Conrad Briffa u kien involut fl-istallazzjoni tat-tinda fl-istabbiliment Apple's Eye ġewwa Għajn Tuffieħa, liema tinda kienet motorizzata u armata wkoll bid-dawl. Meta din ġiet konsenjata kienet f'kundizzjoni tajba iżda wara xi tlieta jew erba' xhur, il-klijenti kienu kkuntattjawhom għaliex kien beda ħiereġ is-sadid. Qal li għalkemm il-konvenut kien f'kuntatt mas-suppliers dwar din il-problema, din baqgħet ma ġietx riżolta. Ix-xhud fisser li kien evidenti li l-kwalita' tal-materjal tal-azzar kien "B grade" li ma jiflaħx għall-ilma, meta dan messu kien "A grade" sabiex jiġi assigurat li ma jidħolx l-ilma fis-saldatura. Ikkonferma wkoll li l-istruttura ma kienetx galvanizzata la minn ġewwa u lanqas minn barra u ma kienetx *primer-coated* lanqas. Fisser ukoll li l-istruttura ssaddet minn ġewwa minħabba li l-ilma daħal fl-istruttura kif ukoll minħabba kondensazzjoni, u l-fatt li l-istruttura kienet viċin tal-baħar aċċellera l-firxa tas-sadid.

Huwa għamel ix-xogħol riparatorju wara li kkostata illi l-istruttura ma kienetx sigura u l-aħjar soluzzjoni fit-tul kienet ir-rimpjazzament tal-istruttura kollha b'materjal ta' kwalita' tajba u ċertifikata. Ix-xogħol twettaq erbatax-il xahar wara l-istallazzjoni oriġinali u dan kien jinkludi wkoll manutenzjoni tat-*tracks* tat-tinda.

[7] Fol. 39.

Ikkunsidrat;

Il-verżjoni tal-konvenut, **Martin Conrad Briffa**[8], hi l-tined li ordna l-attur ma kienux *galvanised*: hu fisser li huwa jaf li l-klient ried prezz tajjeb u ma kienx għażel dik ix-xelta għaliex inkella l-prezz kien ikun ferm ogħla. Tant hu hekk li skont il-konvenut, l-invoice iffirmat mill-klient[9], filwaqt li jispeċifika d-dettalli tal-ordni fosthom kulur tad-drapp u l-kulur tal-istruttura u l-qisien, ma jsemmi xejn dwar galvanizzar tal-istruttura li dejjem trid tħallas iktar għalih meta jsir ordni ta' xogħolijiet tal-ħadid. Huwa spjega illi l-kolonni tal-istruttura kienu tal-ħadid biex jifilħu għar-riħ anke għaliex il-klient kien bi ħsiebu jagħlaq l-istruttura kollha bil-ħġieġ biex jista' jopera l-istabbiliment barra anke fix-xitwa. Madwar sitt xhur wara l-istallazzjoni tal-pergola, huwa ġie infurmat li kien hemm problema minuri bis-sadid iżda Roderick qallu li dan kien normali peress li l-istruttura nbniet u ġiet *welded* fuq is-sit u f'kull każ, qabel seta' jsir xi tip ta' trattament tal-ħadid bl-applikazzjoni ta' *epoxy paint*, kellu jgħaddi ftit iktar żmien biex is-sadid joħroġ kollu.

Il-konvenut xehed illi huwa kellu jinvolvi ruħu fil-kwistjoni wara li Roderick marad serjament: huwa għamel kuntatt mas-supplier barrani ċertu Zulkuf biex jonora l-garanzija u pperswadih jiġi Malta biex tinsab soluzzjoni amikevoli mad-diretturi ta' Apple's Eye. Xehed ukoll li effettivament, Zulkuf ġie Malta u ssuġġerixxa li jġib l-addetti tiegħu biex iwettqu x-xogħolijiet rimedjali billi jinteħħa s-sadid, jittratta l-ħadid u jiżbgħu b'*marine epoxy paint* u wara, jiġi applikat *cladding composite* li fih tliet saffi[10], b'riżultat tajjeb sija estetikament u kif ukoll mil-lat protettiv.

Il-konvenut sostna wkoll fix-xhieda tiegħu li għalkemm intlaħaq ftehim mal-attur dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru mis-supplier barrani, l-aħwa bniet, ulied l-attur, bdew jinsistu li x-xogħolijiet li kellhom isiru kellhom ikunu biss ta' *galvanising*, ħaġa li ma kienx sar qbil dwarha. Huwa għamel kuntatt ma' Anton, li qabel kien jaħdem mad-ditta fuq bażi *freelance* biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, biex jipprovdi l-

---

[8] Il-konvenut xehed permezz ta' Affidavit u xehed ulterjorment fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021.
[9] Ara fol. 16 kif ukoll Dok. MB1, fol, 97, 98.
[10] Ara fol. 125 – messaġġ mingħand is-supplier.

qisien tal-ħadid biex is-supplier jista' jibgħat lejn Malta *container* bil-ħadid u qal li kien lest min-naħal tiegħu li jqabbad lil Anton stess biex jagħmel ix-xogħol u b'hekk jiffranka lis-supplier spejjeż ta' titjiriet u akkomodazzjoni f'Malta. Il-konvenut qal li kien lest ukoll jagħmel tajjeb għall-prezz tal-*mano d'opera* u dan biex il-kwistjoni tiġi riżolta darba għal dejjem. Li ma kienx jaf iżda kien li Anton kien f'kuntatt wara dahru mad-diretturi tal-istabbiliment u kkonvinċihom li x-xogħolijiet li kienu ser isiru min-naħa tiegħu u tas-supplier, ma kienux tajbin u li kellhom jinsistu li l-ħadid jiġi galvanizzat. Il-konvenut spjega illi sakemm daħal fix-xena Anton, kien hemm ftehim li x-xogħol isir skont kif suġġerit mis-supplier u x-xogħol kien ser ikun garantit għal ħmistax-il sena. Is-supplier kien ikkonferma wkoll id-data meta kienu ser jibdew ix-xogħolijiet iżda sadanittant, il-klienti rrifjutaw li jsiru x-xogħolijiet kif miftiehem u kien qabbdu lil Anton biex jagħmel ix-xogħol ta' galvanizzar.

Il-konvenut ikkonferma illi huwa qatt ma ġie mgħarraf mill-attur li kienu bi ħsiebhom iqabbdu lil terzi biex jeżegwixxu x-xogħolijiet rimedjali, wisq inqas li kienu bi ħsiebhom iduru fuq id-ditta IDP Malta biex tagħmel tajjeb għall-prezz ta' dawn ix-xogħolijiet. Afferma ulterjorment illi kieku kien intlaħaq ftehim ma' IDP Malta biex tħallas hi għall-galvanizzar tal-prodott, kien iqabbad lil Anton huwa stess u jħallsu bir-rata normali tax-xogħol. Il-konvenut xehed illi madanakollu, ix-xogħolijiet li saru minn Anton saru kollha minn wara daharhom tant illi meta l-attur ċempillu u infurmah illi kienu wettqu x-xogħolijiet kollha u kien qed jistenna li huwa jagħmel tajjeb għan-nefqa, huwa inħasad u qallu li mhux ġust li jagħmel hekk meta kien għamel ħiltu kollu biex jirranġa l-problema minkejja li ma kellu ebda responsabbilita' fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li għandha tibda biex tindirizza dik il-parti mix-xhieda tal-konvenut fejn iddikjara illi huwa kellu jintevjeni mal-attur fir-rigward tal-problema tas-sadid li kien żviluppa fil-pergolas, għaliex Roderick kien marad serjament u fejn xehed ukoll li huwa kien informa lid-diriġenti tal-istabbiliment Apple's Eye li ma setgħux jieħdu azzjoni legali kontrih għaliex il-kuntratt konkluż bejn il-partijiet jistipola kjarament li

IDP Malta mhux responsabbli għax-xogħol supplit u eżegwit minn Pergoturk[11]. Meta reġa' xehed minn jeddu[12], il-konvenut għamel ukoll referenza għall-ftehim dwar il-bejgħ u konsenja tal-pergolas in kwistjoni, datat 13 ta' Ottubru 2017, fejn huwa stipolat espressament: "*The client acknowledges and accepts that the agent is acting as an agent for and on behalf of the principal and not in his own personal capacity. Also the guarantee is in the responsibility of the principal (Manufacturer)*"[13]. Dan l-argoment hu rispekkjat fit-tieni u fis-sitt paragrafi fir-Risposta tal-istess konvenut fejn eċċepixxa in sostanza illi t-talba tal-attur fil-konfront tiegħu hija infondata u jrid jiġi ppruvat in-ness bejnu u l-allegati danni.

Il-Qorti rat il-provi u fehmet illi mhux kontestat illi effettivament il-konvenut ma kienx il-persuna li nnegozja, taħt l-isem "IDP Malta", il-bejgħ u konsenja tat-tined (pergolas) u l-istallazzjoni tagħhom fl-istabbiliment "Apple's Eye" – din il-persuna kienet ċertu Roderick Borg. Kemm hu hekk, Carmel Fenech l-attur, xehed[14] illi mal-konvenut Martin Conrad Briffa ma kienx tkellem "*... sakemm ... meta bagħtna għalih biex inkellmuh li x-xogħol qiegħed issaddad, in the meantime Roderick sparixxa...*" Imbagħad, l-attur ikkonferma speċifikatament li sakemm kienu qed isiru x-xogħolijiet ta' istallazzjoni tat-tined, lill-konvenut Martin Conrad Briffa qatt ma tkellem miegħu u l-ftehim dwar il-kwalita' tal-prodott u jekk kellux ikun galvanizzat jew le, sar ma' Roderick li kien ukoll preżenti fuq il-lant tax-xogħol jieħu ħsieb il-ħaddiema u jara li kollox sew[15]. L-attur afferma ulterjorment illi l-ħlas sar lil Roderick.

Il-ftehim dwar il-bejgħ, konsenja u istallazzjoni tal-prodott "*pergolas*" jirriżulta mill-invoice datat 13 ta' Ottubru 2017. Minn eżami ta' dan id-dokument huwa minnufih evidenti li l-ftehim ġie konkluż bejn "Steph Cassar" u "IDP Malta (International Design Projects)" fejn din tal-aħħar kienet qed taġixxi bħala aġent ta' Pergo Turk, Turkey. Dan l-invoice huwa ffirmat mill-istess Steph Cassar bħala "l-klijent" u minn

---

[11] Affidavit tal-konvenut, fol. 63.
[12] Xhieda tad-29 ta' Novembru 2021, fol. 81.
[13] Vide Dok. MB1, fol. 97. Dan l-istess jidher li huwa riprodott fit-tieni paġna tal-Affidavit ta' Stephanie Cassar, fol. 16.
[14] Kontro-ezami tal-attur, 11 ta' Ottubru 2021.
[15] Fol. 69.

persuna oħra – li hemm qbil li m'huwiex il-konvenut - bħala "l-aġent" għan-nom tal-prinċipal 'Pergo Turk', il-manifatturier tal-prodott. Huwa wkoll stipolat espressament f'dan id-dokument illi l-klient jaċċetta li l-aġent qiegħed jaġixxi f'isem u in rappreżentanza tal-prinċipal u mhux fil-kapaċita' personali tiegħu.

Il-Qorti tosserva illi m'hemmx prova fl-atti li l-isem IDP Malta jappartjeni lil xi entita' jew korp ta' persuni formalment imwaqqaf skont il-liġi iżda jirriżulta illi dan huwa isem ta' negozju. Minn dan isegwi illi l-persuna li taġixxi għan-nom ta' din id-ditta tkun qiegħda taġixxi *de proprio* u mhux in rappreżentanza ta' korp li għandu personalita' ġuridika u li tista' toqgħod fil-ġudizzju b'mod awtonomu. Iżda fil-każ tan-negozju li jifforma l-mertu ta' din il-kawża, Roderick Borg jew min innegozja u kkonkluda l-ftehim mal-attur, kien qed jeżerċita n-negozju bl-isem IDP Malta mhux f'ismu proprju iżda bħala aġent tas-supplier barrani 'Pergo Turk' ġewwa Malta. Għalhekk, hu ovvju li l-klient li jixtri l-prodott tas-supplier 'Pergo Turk' jidħol f'relazzjoni kontrattwali mal-persuna li tkun aġixxiet għan-nom tas-supplier ġewwa Malta, biss f'kapaċita' rappreżentattiva għaliex effettivament, ir-relazzjoni kuntrattwali in kwantu għall-bejgħ tal-prodott, teżisti b'mod dirett mal-prinċipal ċioe' s-supplier innifsu.

Kif rajna, huwa eskluż anke *ex admissis* mill-attur innifsu, illi l-persuna li aġixxiet bħala l-aġent tal-manifatturier barrani f'dan il-każ kien il-konvenut Martin Conrad Briffa: effettivament mhux kontestat illi kien Roderick Borg li nnegozja mal-attur il-bejgħ tat-tined, li aġixxa għan-nom tas-supplier tal-istess prodott, li ħa ħsieb l-istallazzjoni tat-tined u li rċieva l-ħlas tal-prezz miftiehem.

Il-provi huma konkordanti u juru li l-konvenut Martin Conrad Briffa, għad illi huwa b'xi mod involut fin-negozju bl-isem IDP Malta li, kif stabbilit, tirrappreżenta l-interessi tas-supplier barrani Pergo Turk ġewwa Malta, ma kienx parteċipi fil-ftehim konkluż mal-attur jew aħjar, ma' bintu Stephanie Cassar u ma kienx innegozja huwa stess il-bejgħ u l-istallazzjoni tat-tined: kif stabbilit, dan il-ftehim ġie konkluż ma' Roderick Borg li kien, dak iż-żmien, aġixxa bħala l-aġent tas-supplier Tork għall-fini

tal-bejgħ u konsenja tal-pergolas mertu ta' din il-kawża u ħa ħsieb l-istallazzjoni tal-istess.

Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti li l-azzjoni proposta kontra l-konvenut odjern, Martin Conrad Briffa, ma tistax tirnexxi għaliex ġaladarba l-azzjoni attriċi hija fondata fuq il-konsenja ta' prodott difettuż jew mhux tal-kwalita' pattwita, din l-azzjoni kellha tiġi indirizzata fil-konfront tal-persuna li magħha l-attur (jew aħjar, bintu Stephanie Cassar) ikkontratta u f'dan il-każ, jirriżulta li huma kkuntrattaw mhux mal-konvenut iżda ma' Roderick Borg li kien qed jeżerċita negozju bl-isem "IDP Malta" u kien qed jaġixxi wkoll bħala għan-nom tal-prinċipal tiegħu, id-ditta estera Pergo Turk. Għall-Qorti huwa wisq evidenti li f'dan il-kuntratt, il-konvenut ma kien ħa ebda sehem, la bħala aġent tas-supplier barrani u wisq inqas f'ismu proprju u għalhekk ma jista' qatt jitqies li huwa responsabbli għad-danni li l-attur isostni li sofra minħabba d-difetti fil-prodott li huwa xtara abbażi tal-invoice tat-13 ta' Ottubru 2017.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li hija nieqsa kwalsiasi rabta ġuridika kuntrattwali jew ta' xort'oħra bejn l-attur u l-konvenut imħarrek f'dan il-ġudizzju u fl-aħjar ipotesi għall-attur, huwa ma rnexxilux jipprova l-eżistenza ta' ness bejn, fuq in-naħa l-waħda, id-danni li allegatament sofra b'riżultat tal-bejgħ u istallazzjoni ta' prodott difettuż jew mhux tal-kwalita' pattwita, u l-konvenut fuq in-naħa l-oħra. Huwa minnu li l-konvenut intervjena mal-attur u ma' uliedu biex jipprova jfittex soluzzjoni għall-problema tas-sadid li feġġ fl-istruttura li ġiet istallata fl-istabbiliment tal-attur, iżda hu evidenti li dan għamlu għan-nom tas-supplier barrani u mhux għaliex assuma r-responsabbilita' personali għall-bejgħ u konsenja tal-prodott jew għat-tiswija tad-difetti riskontrati. Kemm hu hekk, il-konvenut xehed – u dan jinsab affermat mid-dokumenti esebiti fl-atti – li huwa stabbilixxa kuntatt permezz ta' Whatsapp bejn l-attur u uliedu fuq naħa waħda u s-supplier barrani, ċertu Zuklak, fuq in-naħa l-oħra biex flimkien isibu soluzzjoni għall-problema tas-sadid fl-istruttura. Xehed ukoll li għamel huwa stess l-arranġamenti biex is-supplier barrani ġie Malta ħalli jara l-problemi li feġġew fl-istuttura u tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

Għall-Qorti hu ovvju li f'dan kollu, ir-rwol tal-konvenut kien biss bħala rappreżentant lokali tad-ditta estera Pergo Turk u bħala intermedjarju fin-negozjati bejn il-prinċipal u l-klienti. Fehmet ukoll li l-offerta li għamel l-istess konvenut biex jerfa' huwa stess l-ispejjeż għax-xogħol ta' tiswija u jħallas lill-ħaddiema, ma saritx b'xi aċċettazzjoni ta' responsabbilita' personali iżda kienet biss turija ta' rieda tajba biex jimminimizza l-ispejjeż għall-prinċipal tiegħu[16] u biex jintħalaq ftehim bonarju.

Illi ġie ritenut[17] illi "*l-ħtieġa li att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali ħalli Qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Dik il-ħtieġa toħroġ sewwasew mir-rieda tal-liġi li deċiżjoni mogħtija minn Qorti tkun torbot lil min messu jkun marbut u mhux lil min ma jkollu l-ebda rabta ma' dak il-fatt*[18]".

Il-korollarju ta' dan hu li l-konvenut ma jistax iwieġeb għad-domanda tal-attur kif imfassla fir-Rikors promotur, domanda li hija fondata purament fuq kuntratt ta' bejgħ, konsenja u istallazzjoni ta' prodott, kuntratt li fih il-konvenut ma kellu l-ebda sehem la bħala firmatarju fuq il-ftehim f'ismu personali u lanqas bħala l-persuna li rrappreżenta l-interessi tas-supplier. Fil-fatt, huwa immaterjali jekk il-konvenut huwiex effettivament il-persuna li jirrappreżenta l-interessi tas-supplier ġewwa Malta, għaliex ma ġiex imħarrek f'dik il-kapaċita' u għalhekk, ma jistax iwieġeb għall-bejgħ, konsenja u istallazzjoni ta' prodott skont it-termini ta' kuntratt li ġie konkluż abbażi ta' negozjati li huwa ma kellu l-ebda parteċipazzjoni fihom.

Dan stabbilit, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li din l-azzjoni ma tista' qatt tirnexxi kontra l-konvenut għaliex kif ġie eċċepit minnu fil-mertu, ma ġiet ippruvata l-ebda rabta bejnu u bejn id-danni li allegatament sofra l-attur. Effettivament, Martin Conrad Briffa ma kienx il-persuna li magħha ġie kontrattat in-negozju għall-bejgħ tat-tined in

[16] Ara skambju ta' messaġġi Dok. MB5 u Dok. MB6 u Affidavit tal-konvenut tal-24 ta' Mejju 2021.
[17] Qorti tal-Appell, **Karmenu Mifsud v. Onor. Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et.**
[18] Ara, b'eżempju, Qorti tal-Kummerċ 10.10.1990 **Ray Micallef noe et vs Mark Anastasi et noe** (mhux pubblikata) u Qorti tal-Kummerċ 14.10.1991, **Avukat Dottor Gino Camilleri noe et vs Albert Mizzi et noe et** (ukoll mhux pubblikata).

kwistjoni u ma kellu xejn x'jaqsam ma' din il-kontrattazzjoni u lanqas jirriżulta li assuma r-responsabbilita' għad-danni li allegatament sofra l-attur fir-rigward. Konsegwentement, lanqas jista' jinżamm responsabbli għal xi danni naxxenti minn dan il-kuntratt.

Għaldaqstant, ma tqisx li hu meħtieġ li jibqa' jiġi investit il-mertu tat-talba attriċi in kwantu l-azzjoni ġiet diretta fil-konfront tal-konvenut, persuna li ma għandu l-ebda rabta kwalsiasi mal-attur u konsegwentement ma jista' qatt jiġi kkundannat iwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li tilqa' in parti s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attur CARMEL FENECH fil-konfront tal-konvenut, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**